**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Sufin Abdulsalam Ali Atomi**

**Kumpilazzjoni Numru 922/2014**

**Illum hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Sufin Abdulsalam Ali Atomi** ta' sitta u ghoxrin (26) sena iben Abdulsalam u Shaad nee Ahihha, imwieled Tripli, Libja fl-erbgha (4) ta' April tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u residenti Stella Maris, Flat 1, Triq Dr Guze Miceli, Gzira, Malta u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 869920 akkuzat talli fis-26 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' bejn is-06:00 ta' filghodu gewwa San Giljan :

1. ikkometta serq ta' flus kontanti, gizirana tad-deheb u/jew oggetti ohra liema serq sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna ta' Elena Kuzmina ta' nazzjonalita Russa u ghalhekk huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin ghad-detriment tal-istess Elena Kuzmina;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghad il-hajja ta' Elena Kuzmina f'periklu car, ikkarguna offiza gravi fuq il-persuna taghha;

L-imputat gie akkuzat ukoll talli nhar id-29 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30) gewwa Triq Carmen Mallia San Gwann;

3. ikkometta serq ta' mobile phone, flus kontanti u/jew oggetti ohra ta' valur li jeccedi l-ammont ta' € 232.94 liema serq sar flimkien ma' sekwestru u/jew offiza fuq il-persuna ta' Margaux Laura Maureen Steinmyller u/jew Noemie Steinmyller ta' nazzjonalita Franciza, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.36, bil-hin u bil-lok ghad-detriment ta' Noemie Steinmyller u/jew persuna/i ohra;

4. u aktar talli bla ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Margaux Laura Maureen Steinmyller u/jew Noemie Steinmyller kontra l-volonta taghhom;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Margaux Laura Maureen Steinmyller f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna taghha;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghad il-hajja ta' Noemie Steinmyller f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna taghha;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Margaux Laura Maureen Steinmyller u Noemie Steinmyller u l-familja taghha jew biex tinzamm il-paci pubblika, tinhareg ordni ta' protezzjoni taht l-artiklu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha u kif wkoll id-deposizzjoni tal-vittmi inkluz wkoll id-deposizzjoni ta' Elena Kusmina li saret bil-procedura tar-rogatorji;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 306*) datata 11 ta' Awwissu 2017 li permezz taghha baghat lill-imputat Sufin Abdulsalam Ali Atomi biex jigi

iggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- L-Artikoli 261(a)(f), 262(1) (a), 270, 274(b) u 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artkoli 261(a)(c)(e)(f), 262 (1)(a), 267, 269(g), 270, 274(a)(c), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Ottubru 2017 (Fol. 315) gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-hdax (11) ta' Awwissu 2017, fl-liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Lulju 2015 (Fol 147) il-Prosekuzzjoni, il-parte civile u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' x-xhieda kollha li kienu gia instemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (Fol. 379 *et seq*) u tal-parte civile (Fol. 385 *et seq*) it-tnejn prezentati fit-tnejn (2) ta' Novembru 2018.

Rat illi d-difiza talbet estensjoni sabiex tigi prezentata n-nota ta' sottomissjonijiet taghha (Fol. 395) u liema nota giet pprezentata fl-24 ta' Jannar 2019 (Fol. 401 *et seq*).

Rat id-digriet taghha tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2018 (Fol 400) fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

L-ewwel persuna li xehdet f'dawn il-proceduri kienet il-parti leza **Noemi Steinmyller** (Fol. 12 *et seq*). Hija bdiet biex qalet li l-incident kien beda fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 meta hi u ohtha Margaux kienu quddiem il-Burger King f'Paceville. Ix-xhud identifikat lill-imputat prezenti fl-awla u qalet li huwa ried li jhallsilhom xi haga x'jieklu. Ghall-ewwel kien gentili maghhom izda imbaghad beda jdejjaqhom u hi u ohtha ddecidew li jirritornaw lura d-dar. Huma sabu taxi u l-imputat dahal maghhom fit-taxi. Meta ipprotestaw mieghu, hu qalilhom li kellu dritt jiehu taxi. Meta waslu qrib ir-residenza taghhom, huma nizlu mit-taxi u rhewlha ghall-appartament taghhom. L-imputat baqa' jsegwihom. Dahlu fil-blokka fejn jinsab l-appartament taghhom. L-imputat sforza l-bieb u baqa' diehel warajhom. Ix-xhud u ohtha grew lejn l-appartament taghhom, fethu u dahlu gewwa. L-imputat wasal wara l-bieb taghhom u

beda jimbotta biex jipprova jidhol sakemm fl-ahhar irnexxielu peress li kien aktar b'sahhtu. Hekk kif dahal huwa intefa' fuq is-sufan. Minn hemm mar it-toilet u ha l-wallet tax-xhud, li minnu hareg xi flus. Ix-xhud indunat b'dan wara li sabet il-wallet taghha mohbi fil-kamra tal-banju. Minn hemm l-imputat mar fil-kamra tas-sodda, neza u beda jmiss lilu nniffsu. Ix-xhud u ohtha bdew jinsistu mieghu biex jitlaq u qalulu li kienu se jcemplu lill-Pulizija. Kien f'dan il-punt li l-imputat ghalaq il-kamra tas-sodda u refa' idejh fuq iz-zewgt ahwa. L-ewwel sawwat lil Margaux u imbaghad lil Noemi. Ix-xhud irnexxielha tahrab. Marret tghajjat lill-girien u nizlet lura fl-appartament ma' gar. Sa dak il-hin, l-imputat kien lahaq telaq minn fuq il-post u l-gar sejjah ghall-ambulanza u l-Pulizija. Ix-xhud kompliet tghid li sabet nieqes il-mobile. Rigward il-griehi Noemi spjegat li hija kellha xi daqqiet fuq saqajja u d-drieghi taghha filwaqt li ohtha kellha qasma fuq mohha. Ix-xhud ipprezentat wkoll ritratt li juri lill-imputat fl-appartament taghhom.

In kontro-ezami, ix-xhud giet mistoqsija meta u fejn kienet akkwistat il-mobile. Spjegat li dan kien gie akkwistat fi Franza u inxtara fuq isem xi hadd mill-genituri taghha. Mistoqsija jekk hi kinitx taf l-imputat, ix-xhud wiegbet li le. Ix-xhud tenniet li l-imputat offrielhom biex jieklu mieghu u huma accettaw. Ikkonfermat li dahal maghhom fit-taxi. Mistoqsija ghalfejn huma ma hargux mill-ewwel mill-istess taxi, ix-xhud wiegbet li hu insista maghhom li kellu kull dritt jaghmel uzu mit-taxi bhalhom. Ix-xhud qalet li hija fehmet li dan kien sejjer lura lejn daru. Oht ix-xhud wkoll ippruvat tinsisti mieghu biex huwa johrog mit-taxi pero' l-imputat kompla jinsisti li huwa kellu kull dritt jaghmel uzu mit-taxi. Ix-xhud

temmet tghid li ma kinitx zgura jekk fit-taxi l-imputat kienx jidher fis-sakra.

**<u>PS 6 Duncan Demicoli</u>** xehed li nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04.30hrs) huwa flimkien ma' PC 1052 Brian Tonna u PC 901 Christopher Attard gew imsejha gewwa Cicas Court, Flat 2, Triq Carmel Mallia, San Gwann ghax kien hemm xi glieda. X'hin wasal fuq il-post u dahal gewwa sab zewg tfajliet Francizi li kienu jidhru taht stress wara glieda li kienet ghadha kif sehhet. Kien hemm anke hafna demm fil-flat. Hu seta' jinnota li wahda mit-tfaljiet kellha wiccha imcarrat. It-tfaljiet spjegaw lill-Pulizija li kien dahal wiehed fuqhom li kien jidher fis-skara. Dan waqa' mal-art ghax kien fis-sakra u intilef minn sensieh. X'hin ippruvaw iqajmuh, dan sar agressiv u fajjar daqqa ta' ponn lil wahda minnhom bil-konsegwenza li carrtilha wiccha. Giet imsejha ambulanza li hadet lill-vittma l-isptar Mater Dei. Il-vittma nfurmat wkoll lill-Pulizija li kienet insterqitilha is-somma ta' disghin ewro (€ 90).

**<u>Margaux Laura Maureen Steinmyller</u>** (Fol 68 *et seq*) xehdet li fid-29 ta' Awwissu 2014 hija kienet f'Malta ghall-btala biex izzur lil ohtha. Hi u ohtha hargu biex immorru Paceville. Fis-saghtejn (02.00hrs) marru l-Burger King fejn iltaqghu ma' wiehed zaghzugh li offrielhom x'jieklu. Hu deher inoffensiv u gentili u huma accettaw l-offerta tieghu. Peress li mbaghad huwa beda jdejjaqhom, iddecidew li jmorru lura d-dar taghhom f'San Gwann. Hi u ohtha sabu taxi u dahlu fiha. Izda hu fetah it-taxi u dahal maghhom fit-taxi. Minkejja li huma ma riduhx jirkeb it-taxi

maghhom, hu nsista maghhom li kellu dritt jiehu t-taxi. Ghall-ewwel ma inkwetawx ghaliex qalet li z-zghazagh f'Malta jhobbu jaqsmu l-ispejjez tat-taxi. Dan ir-ragel (li x-xhud gharfet li kien l-imputat) nizel maghhom San Gwann. Huma qalulu biex jitlaq izda dan mar warajhom u irnexxielu jimbotta u jidhol fl-entrata tal-flat. Huwa kien aktar b'sahhtu minnhom. Kif dahal spicca jimtedd fuq is-sufan u x-xhud haditlu ritratt ghax ratha stramba li jaqbad u jidhol u jispicca jintefa' fuq is-sufan. Hi u ohtha bdew jinsistu mieghu biex jitlaq u qalilhom li kien sejjer jidhol it-toilet u jitlaq. Imma meta hareg mit-toilet baqa' diehel f'kamra ohra u beda jhares lejhom u jimmasturba. Huma ixxukkjaw ruhhom u regghu insistew mieghu biex jitlaq. F'dak il-hin huwa irrabbja, ghalaq il-bieb tal-kamra u beda jsawwathom wahda wahda. Ix-xhud spjegat li hija laqtet daqqa fil-genb ta' mohha bil-konsegwenza li tilfet hafna demm u spiccat intilfet minn sensieha. Minhabba d-daqqa li laqtet kellha bzonn hames (5) punti u kellha wkoll tiehu xi pilloli minhabba l-ansjeta. Ix-xhud ikkonfermat wkoll r-ritratti li kienu gew esebiti precedentement li juru l-feriti li hija soffriet kif wkoll id-demm li kien hemm fl-appartament b'rizultat ta' din il-glieda.

In kontro-ezami, ix-xhud spjegat li ohtha ma kinitx qaltilha li kellha gharus hawn Malta. Mistoqsija kif kien avvicinahom l-imputat, ix-xhud wiegbet li l-imputat kien qieghed maghhom fil-kju jistenna biex jinqeda u kien f'dan il-punt li offra li jhallsilhom burger. Huma imbaghad marru jieklu flimkien fuq l-istess mejda. Bejniethom tkellmu bl-Ingliz. Kompliet tispjega li hija ma kinitx mill-ewwel fil-kju. X'hin marret fil-kju hija sabet lill-ohtha titkellem ma' dan l-individwu. Mistoqsija jekk kinitx saqsiet lil

ohtha min kien, hija wiegbet li le. Mir-ristorant imbaghad huma imxew biex jaqbdu taxi. L-imputat baqa' miexi warajhom. Izda huma ma kellmuhx. Kompliet tghid li hi u ohtha dahlu fit-taxi u imbaghad l-imputat qabad u dahal fit-taxi maghhom. Ohtha nsistiet mieghu li ma kellux imur maghhom. Anke x-xhud qaltlu diskors f'dan is-sens imma l-imputat wiegeb li kellu dritt li jiehu taxi. Mistoqsija jekk qalulux biex jiehu taxi ohra, ix-xhud wiegbet li le ghax qalilhom li kienu sejrin jaqsmu l-ispejjez. Ix-xhud qalet li hi u ohtha ma pprotestawx mat-taxi driver rigward il-fatt li l-imputat dahal maghhom fit-taxi. Fuq domanda specifika tad-difiza, li l-imputat kien jaf fejn toqghod ohtha, ix-xhud qalet li ma jistax jkun ghax kienet l-ewwel darba li hi u ohtha kienu iltaqghu ma' dan ir-ragel. Ix-xhud qalet wkoll li waqt li kienu fit-taxi huma fl-ebda hin ma indikaw lil tat-taxi biex iwaqqfilhom f'xi ghassa tal-pulizija ghax l-imputat beda jbezzaghhom. F'dak il-hin ma kienx jidher offensiv. Kien biss bilqieghda vicin hafna taghhom fit-taxi. Kien pero' tedjanti hafna. Mistoqsija jekk lil tat-taxi qalulux biex jieqaf, ix-xhud wiegbet fin-negattiv peress li t-tragitt kien wiehed qasir u kienu kwazi waslu. Wara li nizlu mit-taxi, l-imputat baqa' vicin taz-zewgt ahwa u beda jghidilhom kemm kienu sbieh. Iz-zewgt ahwa imxew fid-direzzjoni tal-appartament taghhom filwaqt li hu beda miexi warajhom. Ix-xhud u ohtha riedu jehilsu mill-imputat u ghalhekk bdew jimxu jghagglu. Ohtha fethet il-bieb ta' barra. Hi dahlet warajha u imbaghad ippruvaw jaghlqu l-bieb. Ix-xhud u ohtha bdew jimbuttaw minn gewwa u hu beda jimbotta minn barra. Dak il-hin ix-xhud u ohtha ma bezghux ghaliex l-imputat kien qieghed jidhak. Fuq suggeriment tad-difiza li kien hemm kwistjoni bejn ix-xhud u ohtha ghaliex ix-xhud ma riditx lil dan ir-ragel u ohtha riditu,

Margaux irrispondiet fin-negattiv. Mistoqsija wkoll jekk kinitx iggieldet ma' ohtha fuq hekk, ix-xhud wiegbet wkoll fin-negattiv.

**<u>Savio Borg</u>** (Fol. 84) in rapprezentanza tal-Ufficju Elettorali xehed li l-Ufficjali Elettorali ma kienx ghadu responsabbli mill-hrug tal-Identity Cards u li l-hrug tal-Identity card tal-barranin kien f'idejn l-ufficju tac-Cittadinanza.

**<u>PS 928 Raymond Mifsud Grech</u>** (Fol. 94 *et seq*) xehed li fit-28 ta' Awwissu 2014 l-kollegi tieghu marru fuq rapport ta' incident f' Kaikas Court, Flat 2, Triq Karmen Mallia, San Gwann. Is-Surgent spjega li zewg Francizi li kienu qeghdin Paceville irritornaw lura d-dar. Persuna li ma kinux jafu kien segwihom u ried bil-fors jidhol fl-appartament taghhom. Skont informazzjoni li kellu s-Surgent, huma ippruvaw jimbuttawh 'l barra imma dan ippersista u spicca dahal gewwa ghandhom.

Ix-xhud kompla jghid li l-kollegi tieghu qalulu li l-imputat tant kien fis-sakra li waqa' fuq is-sufan u f'dan il-punt it-tfajliet hadulu ritratt. Kif gew biex iqajmuh, dan ir-ragel qabad jaghtihom it-tnejn u lil certa Margot Laura ikkagunalha feriti gravi. Ix-xhud kompla jghid li hu ma kienx xoghol dakinhar tal-incident u gie avvicinat biss biex jghin fit-tfittxija tal-imputat. Ix-xhud spjega li huwa kellem lil Margot Laura u din baghtitlu r-ritratt taz-zaghzugh li allegatament kien aggredihom. Mill-investigazzjoni li ghamel is-Surgent huwa sar jaf li l-persuna li kien hemm fir-ritratt moghti lilu kien jiffrekwenta hanut gewwa l-Gzira u anke club f'Paceville. Huwa zamm ir-ritratt tieghu. Xi gimgha wara inzerta kien

xoghol f'Paceville u sab din il-persuna. Mar fuqu, saqsieh kienx hu li jidher fir-ritratt. Dan qabad jitbissem u ikkonfermalu li kienu hu. Dak il-hin is-Surgent infurmah bid-drittijiet tieghu u l-persuna gie arrestat. Ix-xhud ikkonferma li l-persuna in kwistjoni kien l-imputat prezenti fl-Awla.

Is-Surgent irrifera wkoll ghal rapport iehor li kien hadu hu. Hu spjega li fis-26 ta' Awwissu 2014 tfajla barranija kienet giet aggredita u misruqa qrib il-bajja ta' San Gorg. It-tfalja involuta kienet Elena Kuzmina ta' nazzjonalita Russa. Ix-xhud ikkonferma li Kusmina kienet soffriet daqqa ta' ponn u kienet anke giet misruqa.

**<u>L-Ispettur James Grech</u>** (Fol. 100 *et seq*) xehed li Elena Kuzmina kienet ghamlet rapport fis-26 ta' Awwissu 2014. Hija allegat li kienet iltaqghet ma' guvni li kien jitkellem tajjeb bl-Ingliz. Kienu ghamlu siegha jduru gewwa Bay Street flimkien. Minn hemm imbaghad marru f'dahla ta' garaxxijiet faccata ta' Bay Street fejn kien hemm id-dlam. Ir-ragel ipprova jbusha imma hi rrifjutat. Hu taha daqqa ta' ponn go wiccha. Sakemm kienet fl-art, huwa hadilha l-hand bag, qalbilha go fih u minnu hadilha xi haga zghira tal-flus u gizirana tad-deheb b'salib. Il-vittma iddeskriviet lill-aggressur taghha bhala wiehed b'xaghru Mohegan style u li kellu zewg brazzuletti tar-rubber f'idejh. Hi ghaddiet wkoll il-Pulizija certifikat mediku li ikkonferma li kellha laceration wound u anke sinna imtajra. L-Ispettur spjega li kienu elevaw CCTV footage mill-istabbiliment f'Bay Street fejn l-individwu in kwistjoni kien jidher sew. Meta imbaghad dahal ir-rapport ta' Margot Laura u Noemi Steinmyller u qabblu r-ritratt moghti mill-ahwa Steinmyller mac-CCTV footage irrizulta li l-persuna involuta

kienet l-istess wahda. L-Ispettur kompla jghid li l-imputat gie arrestat fil-25 ta' Settembru 2014, inghata d-drittijiet tieghu kollha u rrilaxxa stqarrija rigward il-kaz ta' Elena Kuzmina. L-imputat fl-ebda hin ma cahad li ma kienx iltaqa' maghha jew inkella li ma kinux ghamlu hin twil f'Bay Street. Pero' huwa cahad li kien sawwata u seraqha. L-Ispetttur temm jghid li l-imputat kien liebes zewg brazzuletti tar-rubber li gew elevati minn fuq il-persuna tieghu u ipprezenta anke l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu 2015, rega' xehed l-**<u>Ispettur James Grech</u>** (Fol. 119) fejn esebixxa stqarrija tal-imputat mehuda mill-Ispettur Elton Taliana. Mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat ma kienx jaf minn fejn gie id-demm li kellha Margaux Laura fuq il-persuna taghha. Mistoqsi jekk hu zammx liz-zewg tfajliet kontra r-rieda taghhom, huwa sostna li wahdha riditu jidhol u l-ohra ma riditux u z-zewg nisa bdew jiggieldu bejniethom. Fl-istqarrija l-imputat cahad wkoll li kienu seraq xi flus jew mobile; anzi sostna li kien hallsilhom kollox hu.

**<u>PC 1052 Brian Tonna</u>** (Fol. 110 *et seq*) xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04.30hrs) hu, PS 6 u PC 901 gew infurmati li kien hemm argument fl Flat 2, Cycas Court, Triq Carmel Mallia, San Gwann. X'hin wasal fuq il-post gia kien hemm il-Pulizija tal-RIU. Huwa nnota li kien hemm xi demm fl-art. Hu ra zewg tfajliet Francizi li wahda minnhom kellha daqqa fuq ghajnejja tal-lemin. Il-Francizi qalu lill-Pulizija li ragel kien segwihom u hekk kif gew biex jaghlqu l-bieb tal-flat dan zamm il-bieb u dahal bil-forza gewwa. Huma bdew jargumentaw mieghu biex ikeccuh 'l barra. Komplew jghidulhom

li dan kien jidher fis-sakra. F'hin minnhom intelaq fl-art x'aktarx bis-sakra li kellu. Kif dawn ippruvaw jqajmuh, dan sar aggressiv, ta daqqa ta' ponn lil wahda mit-tfajliet u harab mill-appartament taghhom. Ix-xhud temm jghid li l-Francizi kienu ghaddew ritratt lis-Surgent biex ir-ragel involut jkun jista' jigi identifikat.

**<u>PS 447 Kevin Camilleri</u>** (Fol. 115) xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04.30hrs) gie infurmat li kien hemm bzonn l-assistenza taghhom fi flat f'San Gwann, Triq Carmen Mallia. Hu wasal fuq il-post meta gia kien hemm PC 1194 u PC 514. Hu ra xi dmija fit-tarag hu u tiela lejn il-flat. Kif dahal fl-entratura ra tfajla ta' nazzjonalita Franciza izzomm wiccha. Maghha kien hemm ohtha tassistiha u izzommilha l-ferita sakemm waslet l-ambulanza fuq il-post. Ix-xhud spjega li PC 1194 kien saqsieha x'gara u hi kienet qaltlu li kienet qalghet daqqa ta' ponn minghand wiehed x'aktarx Libjan li kien harab minn fuq il-post. Huwa kien fis-sakra u kien segwihom.

**<u>PC 901 Chris Attard</u>** (Fol 117 *et seq)* xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04.30hrs) kienu rcivew telefonata mill-Control Room li gewwa Cycas Court, Flat 2, Triq Carmel Mallia, San Gwann kien hemm xi glieda. Hu tela' fuq il-post flimkien mas-Surgent PS 6 u PC 1052 u hemmhekk sabu zewg units tar-Rapid Intervention Unit tal-Pulizija. Kif dahal fil-post hu u shabu l-Pulizija sabu zewg tfajliet ta' nazzjonalita Franciza. Huma tkellmu ma' wahda Laura li qaltilhom li meta kienu sejrin lura lejn il-flat, ragel kien segwihom sal-flat. X'hin gew biex jaghlqu l-bieb taghhom, dan kien offra

resistenza u baqa' diehel fl-appartament taghhom minghajr ma kien mitlub jidhol gewwa. Qaltilhom wkoll li kien inqala' argument bejniethom biex dawn bdew johorguh 'l barra. Ix-xhud kompla jghid li l-Francizi qalulhom li dan tant kien fis-sakra li f'hin minnhom waqa' mal-art. Ippruvaw iqajmuh biex jkunu jistghu johorguh 'l barra u appena ippruvaw johorguh, dan ta daqqa ta' ponn lil wahda miz-zewg nisa fuq in-naha tal-lemin ta' wiccha, precizament lil Laura. Ix-xhud kompla jghid li din kellha qasma mhux hazin u kien hemm hafna dmija fil-flat. Ix-xhud spjega wkoll kif is-Surgent talabha taghtih deskrizzjoni ta' dan ir-ragel pero' l-vittma ma kintix f'posizzjoni dak il-hin li taghti deskrizzjoni tal-persuna involuta.

**<u>Dr Mario Scerri</u>**, espert imqabbad mill-Qorti, xehed fis-seduta tal-20 ta' April 2015 (Fol. 125). Huwa ipprezenta r-rapport tieghu fejn spjega li huwa kien gie inkarigat biex jezamina lil Margot Steinmyller wara li din allegatament kien qalghet daqqa f'wiccha. Dr Scerri ezamina lill-vittma fis-sbatax (17) ta' Novembru 2014. Din allegat mieghu li fit-28 ta' Awwissu 2014 wara li kienet Paceville giet aggredita minn zaghzugh x'aktarx Libjan. Hija kienet spiccat b'cikkatrici fuq in-naha tal-lemin tal-mohh. L-espert spjega li din ic-cikkatrici kienet rizultat ta' blunt trauma u specifika li tidher bhala marka *from within talking distance.*

**<u>Dr Astrid May Grima</u>** (Fol. 137 *et seq*) xehdet ghan-nom tad-Direttur tac-Cittadinanza u Residenza. Ix-xhud spjegat li l-imputat ma kellu l-ebda permess ta' residenza validu. L-unika permess li kellu kien mit-tnejn (2) ta' Dicembru 2010 sat-tnejn (2) ta' Marzu 2011, liema permess kien

inhariglu biex jattendi skola tal-Ingliz. Fl-ghoxrin (20) ta' Jannar 2011, id-Dipartiment kien gie infurmat mill-iskola koncernata li dan kien waqaf jattendi ghal-lezzjonijiet tal-Ingliz u l-iskola irrakkomandat biex il-visa tieghu tigi imwaqqfa, anke ghaliex l-istess persuna ma kellux mezzi finanzjarji biex imantni lilu inniffsu. Ix-xhud ipprezentat wkoll dokument bid-dettalji personali tal-imputat inkluz wkoll l-indirizz postali fejn kienet tintbaghat il-korrispondenza.

**L-Ispettur Elton Taliana** (Fol. 149 *et seq*) xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014, kien gie infurmat mis-Surgent PS 6 Duncan Demicoli li zewg tfajliet Francizi bl-isem ta' Margaux Laura Maureen Steinmyller u ohtha Noemi Steinmyller kienu irrapurtaw li wara li irritornaw lura d-dar minn Paceville permezz ta' taxi kienu gew aggrediti minn ragel li ma kinux jafuh. Waqt li kienu dehlin fl-appartament taghhom huwa imbuttahom 'l gewwa u baqa' hemmhekk fl-appartament. Ftit tal-hin wara huwa spicca jsawwat wahda minnhom li soffriet wkoll griehi gravi. Ir-ragel kien jidher li kien fis-sakra tant li f'hin minnhom intefa' fuq sufan u t-tfajliet kienu anke irnexxielhom jehdulu ritratt. Il-Francizi talbu ghall-assistenza. Pero' r-ragel harab minn fuq il-post. Iz-zewg tfajliet irrapurtaw wkoll li waqt li kien fl-appartament taghhom, huwa kien hadilhom mobile u anke xi flus. Il-Pulizija mill-ewwel bdiet bit-tfittxija ghal dan ir-ragel peress li kellha r-ritratt li kienu hadu t-tfajliet. Il-Pulizija f' Paceville identifikawh u r-ragel gie arrestat f'Paceville stess. L-Ispettur gharaf lir-ragel involut bhala l-imputat prezenti fl-awla.

L-Ispettur kompla jghid li lill-imputat hadlu zewg stqarrijiet: wahda fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2014 u ohra fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2014. Dan wara li kien gie moghti d-drittijiet legali tieghu. Fl-istqarrija l-imputat ma cahadx li kien iltaqa' maz-zewg tfajliet u li kien hallsilhom sew l-ikel u anke t-taxi. Waqt li kien fit-taxi wahda mit-tfajliet bdiet tittantah u anke qabditlu idejh. L-imputat stqarr mal-Ispettur li kienu t-tfajliet li stednuh gol-appartament taghhom. Mistoqsi kif gew kagunati l-griehi fuq it-tfajliet, l-imputat qal lill-Ispettur li dawn kienu rizultat tal-fatt li z-zewg tfajliet kienu iggieldu bejniethom. Dan ghaliex wahda riditu jidhol u 'l ohra le. In vista ta' din id-dikjarazzjoni tal-imputat, l-Ispettur rega' baghat ghall-vittmi li minn naha taghhom regghu ikkonfermaw il-verzjoni originali li kienu taw lill-Pulizija. Sadanittant l-Ispettur Taliana sar jaf li l-Ispettur James Grech kellu kaz iehor simili fuq l-imputat u fil-fatt iz-zewg kazijiet gew amalgamati ma' xulxin.

Fit-tieni stqarrija l-imputat rega' gie mistoqsi fuq il-kaz u gie mistoqsi wkoll fuq il-mobile u l-flus li z-zewg Francizi kienu sabu neqsin. L-imputat baqa' jsostni li z-zewgt ahwa kienu iggieldu bejniethom u li hu ma kien ghamlilhom xejn.

L-Ispettur kompla jghid li z-zewg tfajliet kienu soffrew griehi: ta' wahda kienu hfief izda tal-ohra kienu gravi.

L-Ispettur Taliana rega' xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2014 (Fol. 174) fejn esebixxa l-istqarrija li kien irrilaxxa l-

imputat fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2014. L-Ispettur gharaf lill-imputat fl-awla u spjega li l-imputat kien ghazel li jikkonsulta ma' Avukat u fil-fatt kien dam nofs siegha jitkellem mal-Avukat. L-Ispettur qal wkoll li l-imputat kien wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu u kien ghazel wkoll li jiffirma l-istess stqarrija. Fuq mistoqsija tad-difiza in kontro-ezami, l-Ispettur xehed li l-imputat dejjem cahad dak li kien qieghed jigi attribwit lilu mit-tfajliet involuti.

**Dr Milos Rakic** (Fol. 155) xehed li huwa tabib li jipprattika f' St James Capua Hospital. Ix-xhud spjega li certa Elena Kuzmina kienet marret id-Dipartiment tal-Emergenza f'St James Hospital tas-Sliema fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tat-tmienja u sebgha u tletin minuta ta' filghodu (08.37hrs). Hija kellha qata' fuq ghajnha tax-xellug u kellha sinna tipped out. It-tabib ikklassifika l-qata' fuq ghajnha x-xellugija bhala ferita ta' natura hafifa. Spjega li l-vittima kienet qaltlu li l-ferita kienet giet kagunata waqt glieda. Pero' hu ma qaghadx jidhol u jitlobha dettalji. It-tabib spjega wkoll li kienu saru punti specjali li ma jhallux marki.

**PC 736 Martin Buttigieg** (Fol. 164) ikkonferma li hu kien xhud tal-istqarrija li ta l-imputat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2014 u gharaf lill-imputat fl-awla. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien inghata parir mill-Avukat tieghu qabel irrilaxxa l-istqarrija.

**PC 1194 Christopher Debrincat** spjega li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (04.30hrs), il-

Pulizija kienu gew imsejhin biex immorru fi Triq Carmel Mallia, San Gwann ghaliex kien sehh xi argument u kien hemm xi hadd ferut. Kif wasal fuq il-post, dahal fl-appartament u kien hemm ammont konsiderevoli ta' qtar tad-demm. Hu flimkien ma' Pulizija ohra li waslu fuq il-post baqghu telghin fis-sular ta' fuq fejn sabu grupp tfajliet. Wahda minnhom li kienet ta' nazzjonalita Franciza kienet feruta u kienet qed izzomm mohha u kien hemm ammont ta' demm mal-art. Ftit wara waslu l-Pulizija tad-Distrett u dawn hadu l-kaz f'idejhom. Ix-xhud kompla jghid li hu flimkien mal-Pulizija l-ohra komplew bir-ronda bl-intiza li jigi identifikat l-aggressur. Bhala deskrizzjoni tal-aggressur, ix-xhud gie indikat biss li seta' kien ta' Libjan. Ix-xhud irriefera wkoll ghall-fatt li kien hemm koncentrazzjoni ta' demm fil-living area, vicin il-kcina u l-kamra tal-banju.

**PC 514 Chris Mallia** (Fol. 171 *et seq*) xehed li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2014 kien inghata struzzjonijiet biex imur fi Triq Carmel Mallia ghax kien hemm xi argument bejn xi nies. Spjega li huwa dahal f'kuritur qabel jibda t-tarag u fil-kuritur ra t-ticpis tad-demm, precizament qtar ta' demm. Sadanittant giet karozza ohra u hu kellu jmur jharrek il-karozza tas-servizz. Sa x'hin harrek il-karozza u mar biex jidhol fil-blokk ta' appartament, gie siehbu l-Pulizija u qallu biex jitilqu halli jfittxu lill-allegat aggressur. Ix-xhud ikkonferma li fl-appartament huwa ma kienx dahal.

In kontro-ezami, ix-xhud irrileva li d-demm kien wkoll fil-partijiet komuni. Hu sab bejn tlieta u erbgha nisa fil-blokk. Spjega li xoghlu ma

kienx li jinvestiga izda li jigbor biss informazzjoni bazika biex huwa jkun jista' johrog ifittex l-allegat aggressur. L-allegat aggressur la instab fuq il-post fejn marru u lanqas fl-akkwati. Ix-xhud seta' jghid biss li kien hemm agitazzjoni kbira fuq il-post. Temm jghid li d-demm li seta' kellha fuq idejha xi wahda mit-tfajliet li kien hemm kien ghaliex kienet qed izzomm il-ferita tat-tfalja li kienet soffriet il-griehi.

**Dr Martin Bajada** (Fol. 196 *et seq*) xehed kif huwa kien gie nominat mill-Qorti fit-tlettax (13) ta' Lulju 2015 sabiex huwa johrog stills minn fuq CCTV footage li kien gie esebit rigward l-incident ta' Bay Street. Huwaipprezenta r-rapport tieghu fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Dicembru 2015.

**Elena Kuzmina** (Fol. 297 *et seq*) xehdet bil-procedura tal-ittri rogatorji. Hija bdiet biex qalet li nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2014 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu (05.30hrs) hija harget mil-lukanda Bay Street Hotel u qaghdet bil-qieghda fuq bank tal-kumpless ta' Bay Street. Xi hin wara hija giet avvicinata minn zewg irgiel li kienu jidhru li huma Gharab u li kellhom bejn 23 u 26 sena. Qaghdu bil-qieghda fejnha fuq il-bank u bdew jitkellmu. Hi hasbet li kienu studenti peress li fuq id wiehed minnhom kien hemm brazzuletta li normalment tinghata lill-istudenti li jkun qeghdin jistudjaw. F'hin minnhom wiehed miz-zewgt irgiel telaq u r-ragel li baqa' qalilha li l-iehor kien huh u li ried immur id-dar. Ir-ragel li baqa' identifika ruhha bhala "Tomy" jew "Tony". Ftit tal-hin wara, it-tnejn li huma qamu minn fuq il-Bank u marru jixtru l-pizza. X'hin fethet il-basket biex thallas ghall-pizza, innutat li dan "Tomy" jew "Tony" itawwlilha fil-basket. Ix-xhud ma ftakritx ezatt min kien hallas ghall-

pizza imma tiftakarha tghidlu li hija setghet thallas ghall-pizza taghha. Wara li kielu l-pizza, "Tomy" jew "Tony" issugerixxa li jmorru jimxu mal-promenade. Imxew ghall-ftit u mbaghad qalilha li kellu bzonn imur it-toilet. Hi qaghdet tistennieh. X'hin gie lura, huwa ipprova jbusha izda hi imbuttatu. Hu beda jaghtiha, laqatha f'wiccha bil-konsegwenza li tajrilha sinna u anke ghamlilha qata f'wiccha. Huwa u jaghtiha "Tomy" jew "Tony" beda jghidilha biex tnehhi l-katina li kellha. Hi nehhiet il-katina li kellha u imbaghad "Tomy" jew "Tony" itawwal fil-basket taghha u hadilha hamsa u tletin ewro (€ 35). Hu imbaghad ipprova jersaq lejha bhal li kieku biex jistupraha. Imma hi imbuttatu. Biex tevita aktar vjolenza, hi ghamlet ta' bir-ruhha li kien hassha hazin. "Tomy" jew "Tony" beda jmellisha fuq wiccha imma hi ma ccaqalqitx. Huwa beza' u harab minn fuq il-post. Meta rrealizzat li kien harab, marret lura fejn toqghod fejn sejhet ghall-ambulanza u l-Pulizija.

B'referenza ghall-katina li insterqitilha, hija qalet li din il-katina kienet twila madwar hamsin (50) centimetru, kienet hoxna u kellha salib twil wiehed punt hamsa centimetri. Il-katina u s-salib kienet xtrathom fis-sena 2013 ghall-prezz ta' sebat elef Russian Rubles.[1] Minbarra l-katina u l-flus, ir-ragel ma hadilha xejn aktar. Ir-ragel kien ezamina l-mobile li kellha pero' ma kienx hadu.

Wara li incident, hija marret l-isptar fejn tawha l-ewwel ghajnuna. Irrangawlha s-sinna u anke ghamlulha xi punti fuq ghajna. Meta marret lura d-dar, kellha anke tiehu ghajnuna psikologika.

[1] Dawn jigu ekwivalenti ghal € 94.

Ix-xhud ikkonfermat l-istills mehuda mis-CCTV ta' Bay Street u gharrfet lilha u lil "Tomy" jew "Tony". Temmet tghid li hija ma setghetx tigi Malta biex taghti d-deposizzjoni taghha minhabba nuqqas ta' flus.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Novembru 2017 xehed wkoll **<u>Sandro Magro</u>** (Fol. 339 *et seq*). Ix-xhieda tas-Sur Magro pero' ma kinitx relatata mal-mertu tal-kawza u kienet limitata ghat-talba tal-imputat sabiex huwa jigi awtorizzat jmur il-Libja biex jottjeni passaport Libjan u rigward il-procedura sabiex huwa jottjeni VISA biex ikun jista' jerga' jidhol lura Malta.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju 2018, l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u d-difiza talbet li jkun hemm *pre-sentencing report*. Il-Qorti laqghet it-talba u Joseph Mizzi, Probation Officer, gie assenjat il-kaz.

**<u>Joseph Mizzi</u>** rrediga r-rapport tieghu, li huwa ipprezentah fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Ottubru 2018 (Fol. 354 *et seq*). Mizzi spjega li huwa iltaqa' mal-imputat diversi drabi kif wkoll iltaqa' mal-Ufficjal Prosekutur u anke ha l-verzjoni permezz tal-email tal-ahwa Steinmyller. Irrizultalu li l-kaz kien wiehed vjolenti.

Fil-laqghat tieghu mal-imputat, deher li l-imputat kien gej minn familja maghquda. Pero' f'dawn l-ahhar snin huwa kien qieghed jghix Malta flimkien ma' habib tieghu li kien qieghed jaghtih is-sapport u kien

qieghed joqghod fl-istess residenza tieghu. Il-Probation Officer tkellem wkoll ma' Gilbert Grima, il-habib tal-imputat. Fir-rigward ta' vizzji mit-test tal-urina, ma irrizultax li kien hemm uzu ta' sustanzi illeciti u lanqas ma kien hemm wkoll vizzji partikolari. Dan mill-kuntatti li l-probation officer ghamel ma' diversi agenziji.

Ghar-rigward relazzjonijiet socjali, l-imputat ma deherx li kellu kumpanija hazina huwa bniedem dhuli u jmur sew man-nies. Bhala passatempi kien qieghed imur il-gym u jittrenja b'mod regolari. Ricentament kien anke beda jahdem f'supermarket fil-Gzira. Il-Probation Officer specifika li huwa indika pjan ta' kura li jrid jigi segwit mill-imputat biex jigu evitati azzjonijiet simili fil-futur.

Il-Probation Officer indika li ghandha tinghata probation flimkien ma' ordni ta' servizzi fil-komunita. Skont il-Probation Officer huwa idoneju ghal servizz fil-komunita ghar-raguni li l-imputat ma jabbuzax minn sustanzi illeciti, ghandu fedina penali netta u ghandu wkoll andament pozittiv.

Ikkunsidrat:

- **<u>Incident li Jinvolvi lil Elena Kuzmina</u>**

Fir-rigward tal-kaz ta' Elena Kuzmina, qeghdin jigu addebitati lill-imputat zewg imputazzjonijiet: (a) serq ta' flus kontanti u gizirana tad-

deheb u/jew oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin; (b) li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna taghha.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u in vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti ma tistax ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward it-tieni imputazzjoni u cioe dik li gew kagunati feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elena Kuzmina, il-Qorti hija rinfaccjata bil-verzjoni moghtija minn Kuzmina u l-verzjoni li ta lill-imputat lill-Pulizija fejn huwa cahad li huwa mess jew b'xi mod iehor ikkaguna xi feriti fuq il-persuna ta' Kuzmina. Il-fatt li hemm zewg verzjonijiet konflingenti m'ghandux dejjem ifisser li wiehed jistrieh fuq l-iskappatojja tad-dubju u jillbera. Xorta jista' jkun hemm sejbien ta' htija jekk il-Qorti taghzel li temmen wahda miz-zewg verzjonijiet moghtija u tiskarta l-ohra. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker</u>**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet rriteniet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara</u>*** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konflingenti: jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz

tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef__** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet telabora hekk fuq is-sitwazzjoni fejn ikun hemm verzjonijiet konflingenti dwar l-akkadut: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll Repubbblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)."[2] F'sentenza ohra fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs. John Pace__** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet wkoll li *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz talArtikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn*

[2] Ara wkoll **__Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et__** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **__Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech__** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **__Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali__** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **__Il-Pulizija vs. Mario Pace__** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **__Il-Pulizija vs. Hubert Gatt__** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

*kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex temmen il-verzjoni ta' Elena Kuzmina u li verament Kuzmina soffriet feriti b'rizulta tal-aggressjoni mill-imputat. Il-verzjoni moghtija minn Kuzmina tal-incident kienet wahda dejjem konsistenti; kuntrarjament ghall-verzjoni tal-imputat moghtija waqt fl-istqarrija. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jichad bil-qawwa li huwa seraq lit-tfajla jew inkella li hebb ghaliha u ikkagunalha feriti. Sahansitra jasal biex jissugerixxi li kien hemm ftehim bejn Kuzmina u l-ahwa Francizi biex jigdbu fuqu u jattribwulu affarijiet li huwa m'ghamilx. Sussegwentement pero' fil-kors tal-proceduri huwa jammetti li seraq flus u oggetti minn fuq il-persuna ta' Kuzmina. Dan kollu irendi l-verzjoni moghtija mill-imputat assolutament mhux verosimili.

Ghar-rigward in-natura tal-feriti sofferti minn Kuzmina, mill-provi prodotti ma irrizultax li Kuzmina soffriet feriti ta' natura gravi. Anzi l-provi juru li feriti li soffriet l-istess Kuzmina kienu ta' natura hafifa. Issir riferenza ghal dak li xehed Dr Milos Rakic, fejn ikklassifika l-qata' li kellha fuq ghajnejha Kuzmina bhala wahda hafifa[3]. B'riferenza ghas-sinna, ma ingabux provi li l-effett ta' din kien wiehed permanenti jew li wassal ghal xi kumplikazzjoni ohra. Anzi fid-deposizzjoni taghha Elena Kuzmina stess tistqarr li: *"my chipped tooth was restored"*.[4] Fic-cirkostanzi ghalhekk

[3] Fol. 156 tal-Atti.
[4] Fol. 297 tal-Atti.

tenut kont li l-*piu comprende il meno* u fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju l-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija taht l-artikolu 221 tal-Kap. 9, din il-Qorti mhijiex sejra issib lill-imputat hati li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kuzmina izda biss li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Kuzmina.

- **L-Incident li Kien Jinvolvi l-Ahwa Steinmyller**

Fejn jirrigwarda tal-ahwa Steinmyller, qeghdin jigu addebitati lill-imputat erba' imputazzjonijiet precizament: (a) li huwa seraq mobile phone, flus kontanti u oggetti ohra ta' valur li jeccedi l-ammont ta' € 232.94, liema serq sar flimkien ma' sekwestru u/jew offiza fuq il-persuna tal-ahwa Steinmyller u liema serq huwa ikkawlifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-hin u bil-lok; (b) li zamm jew issekwestra lill-ahwa Steinmyller; (c) li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaux Laura Maureen Steinmyller; (d) li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Noemi Steinmyller.

Ghar-rigward it-tielet imputazzjoni u cioe dik kontemplata taht l-artikoli 261 *et seq* tal-Kodici Kriminali, l-imputat irregistra ammissjoni fil-verbal tas-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju 2018 u ghalhekk din il-Qorti sejra issib htija fl-imputat ghal din l-imputazzjoni anke ghaliex l-artikoli rilevanti gew indikati fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju tal-Avukat Generali.

Rigward ir-raba' imputazzjoni, huwa car li hawnhekk il-Prosekuzzjoni kienet qieghda taghmel riferenza ghall-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jispecifika li: *"Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."* Dan l-artikolu pero' ma giex ikkwotat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u allura din il-Qorti bil-fors ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni. Dan qieghed jinghad ghas-semplici raguni li l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi indikati fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wkoll rriteniet ukoll li hija kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Ghar-rigward il-hames u s-sitt imputazzjonijiet, il-Qorti mill-gdid taghmel riferenza ghal dak sottolineat aktar qabel ghar-rigward il-fatt li verzjonijiet kontrastanti tal-akkadut m'ghandhomx bil-fors iwasslu ghal-liberatorja tal-imputat. Fil-kaz tal-ahwa Steinmyller, din il-Qorti wkoll

hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti ta' dak li sehh. Min-naha hemm il-verzjoni tal-ahwa Steinmyller li spjegaw li huma gew aggrediti f'darhom mill-imputat. Min-naha l-ohra hemm il-verzjoni tal-imputat li jistqarr li l-feriti li soffrew l-ahwa Steinmyller kienu rizultat tal-fatt li dawn bdew jiggieldu bejniethom ghax wahda riedet idahhlu d-dar u l-ohra ma riditx.

L-istess bhal fil-każ ta' Kuzmina, din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex taghti kredibbilita lill-verzjoni moghtija mill-ahwa Steinmyller. Il-verzjoni taghhom kienet u baqghet konsistenti dwar dak li kien sehh. Sa mill-ewwel mument li l-Pulizija marru fuq il-post, l-ahwa Steinmyller mill-ewwel indikaw il-persuna li kienet aggrediethom. Fil-fatt huma regghu ikkonfermaw tali verzjoni anke meta l-Ispettur Elton Taliana iffaccjahom b'dak li kien qieghed jallega l-imputat li huma iggieldu bejniethom. Il-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija aktar kredibbli u verament tixhet dawl fuq dak li verament sehh. Il-Pulizija li marru fuq il-post sekondi biss wara li kien sehh l-incident xehdu kif kien hemm paniku u isterizmu fl-appartament kif wkoll li t-tfajla li kellha qasma fuq mohhha kienet qieghda tigi assistita minn ohtha. Li kieku verament il-feriti kienu rizultat ta' glieda bejn iz-zewgt ahwa, l-ahwa ma kinux sejrin joqoghdu jduru b'xulxin. Jkompli aktar jaghti sahha lill-verzjoni taz-zewgt ahwa l-fatt li Steinmyller riedu jevitaw lill-imputat ghax beda jdejjaqhom, tant li telqu minn Paceville u riedu jirritornaw lura d-dar. Li kieku verament xi wahda mill-ahwa riedet tabilhaqq tibqa' mal-imputat, kellha kull opportunita li taghmel hekk billi tibqa' mieghu Paceville. Madanakollu z-zewgt ahwa telqu minn Paceville flimkien u

kien l-imputat li kompla jsegwi liz-zewg tfajliet, insista li jirkeb maghhom fl-istess taxi u imbaghad baqa' jsegwihom sakemm dawn waslu fir-residenza taghhom u hu sforza ruhu gewwa l-istess appartament.

Rigward in-natura tal-feriti sofferti miz-zewg tfajliet, m'hemmx dubju li Margot Steinmyller soffriet feriti ta' natura gravi. Dr Mario Scerri, espert nominat mill-Qorti sabiex jezamina lill-istess Margot Steinmyller, jispjega kif rizultat tal-incident hija spiccat b'cikkatrici rizultat ta' lacerazzjoni u li din ic-cikkatrici tidher *"from within talking distance."* Mill-istess rapport u mir-ritratti esebiti huwa car li c-cikkatrici qieghda f'parti pjuttost prominenti tal-wicc, ma tistax ma tigix innutata u l-istess cikkatrici gabet mankament f'wicc il-vittma.

Ghar-rigward Noemi Steinmyller, minkejja li fir-rapport tal-PIRS hemm riferenza Ii hija kienet giet certifikata li qed issoffri minn feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika Dr James Vella, c-certifikat ta' dawn il-feriti baqa' qatt ma gie esebit. Dr James Vella baqa' qatt ma gie ingunt biex jiddeponi f'dawn il-proceduri biex jidentifika bil-preciz il-feriti fuq il-persuna ta' Noemi Steinmyller. Fic-cirkostanzi ghalhekk in vista li tali prova ma saritx, din il-Qorti ma tistax tasal biex issib htija fl-imputat ghal din l-imputazzjoni.

- **<u>Kunsiderazzjoni dwar ir-Rapport tal-Probation Officer</u>**

Fil-mori tal-proceduri, precizament fl-istadju tal-provi taghha, id-difiza talbet li jkun hemm *pre-sentencing report*. Dan in vista tal-ammissjoni tal-

imputat ghal tnejn mill-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu. Ghal dan il-ghan kien gie nominat il-Probation Officer Joseph Mizzi. Fil-konkluzjonijiet tieghu, l-Probation Officer Joseph Mizzi issugerixxa li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' probation flimkien ma' sanzjoni bbazata fil-komunita, cioe *combination order* fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446. Il-Probation Officer ikkonkluda hekk ir-rapport tieghu:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, huwa ragjonevoli li Sufin Abdulsalam Ali Atomi jinghata sanzjoni bbazata fil-komunita. Meta jkun ikkunsidrat il-fattur li huwa ma regax wettaq azzjonijiet simili wara dan il-kaz u l-andament pozittiv li ghaddej bih, sentenza ta' prigunerija effettiva tista' tikkawza izjed disturb psikologiku. Qed tigi rrakkomandata Ordni ta' Probation sabiex l-imputat ikollu opportunita jindirizza b'mod strett ir-responsabbilita tal-azzjonijiet tieghu u l-kontroll tal-emozzjonijiet tieghu, anke permezz tat-terapija. Huwa ghandu jzomm ruhu f'impjieg stabbli u attiv halli b'hekk ma jkunx suggett ghall-influwenzi ta' madwaru."*[5]

L-Ufficjal Prosekutur James Grech fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jishaq li legalment din il-Qorti hija marbuta b'mod tassattiv li timponi piena ta' prigunerija effettiva ta' bejn tlieta u disgha snin. Jargumenta li sentenza ta' prigunerija sospiza ma tistax tinghata peress li l-minimu tal-piena jaqbez is-sentejn prigunerija. Min-naha l-ohra jsostni li l-Att dwar il-Probation jikkontempla biss li jistghu jinghataw ordnijiet taht dan l-Att ghal reati li l-piena ta' prigunerija taghhom ma tkunx ta' aktar minn seba'

[5] Fol. 366 tal-Atti.

snin. F'dan il-każ il-massimu tal-piena huwa ta' disgha snin u ghalhekk l-applikazzjoni tal-Kap. 446 ghandha tigi eskluza.

Din il-Qorti ghalkemm tikkondividi dak li jghid l-abbli Ufficjal Prosekutur in kwantu jirrigwarda s-sentenza sospiza, mhux l-istess jista' jinghad ghal dak li jirrileva dwar l-Att dwar il-Probation. Jekk iċ-ċirkustanzi jkunu tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation, il-Qorti tista' taghmel ordni taht dan l-Att anke jekk it-terminu ta' prigunerija jkun jaqbez it-terminu ta' seba' snin purche tali terminu ta' prigunerija ma jkunx aktar minn ghaxar (10) snin. Dan johrog bl-aktar mod car mill-proviso tal-artikolu 7(2):

**<u>"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation."</u>**
(Enfazi tal-Qorti)

Il-fatt li l-piena hija aktar minn seba' snin m'ghandux b'mod awtomatiku jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 466. Din il-prassi gia giet segwita minn Qrati ohra u din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandiex taghmel l-istess. Issir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs Noel</u>**

**Bonello** (Kumpilazzjoni Numru 293/2017)[6] fejn il-Qorti ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet u waslet sabiex timponi ordni ta' probation minkejja li l-piena kien teccedi s-seba' snin prigunerija:

*"Illi dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-ewwel imputazzjoni ggorr maghha piena sa massimu ta' disa' snin prigunerija. Illi jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jekk wiehed jigi biex jikkunsidra piena din certament se taqbez is-sentejn prigunerija u ghalhekk il-Qorti ma tistghax timponi sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.*

*Illi l-Qorti hija konxja wkoll illi biex tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat se jinsab hati ma tridx tkun iktar minn seba' (7) snin prigunerija. Illi l-Qorti semghet kif l-imputat huwa afflitt bil-problema tal-loghob tal-azzard u l-flus li huwa rcieva mertu ta' din il-kawza uzahom kollha biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Il-Qorti semghet ukoll li l-imputat huwa impjegat bhala kennies u li jircievi salarju ta' madwar seba' mitt ewro (€700) fix-xahar.*

*Illi l-imputat iddikjara wkoll illi huwa lest li joqghod ghal kwalunkwe direttiva li tista' taghtih din il-Qorti sabiex jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-loghob, filwaqt li jaghraf li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel lill-vittma Josette Abela.*

[6] Deciza fit-12 ta' Lulju 2017.

*Illi l-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gravita` tar-reati mwettqa mill-imputat u talpieni li jgorru maghhom, hija tal-fehma illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fost ohrajn:*

*1. L-imputat huwa afflitt minn problema serja ta' loghob;*
*2. L-imputat ghandu impjieg u jekk jintbaghat il-habs jitlef tali impjieg bil-konsegwenza li l-vittma tista' ma tigi qatt ikkumpensata;*
*3. Illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni u gwida minn persuni professjonali biex jeghleb il-problema tal-loghob;*
*4. Illi l-imputat ghandu fedina prattikament netta;*

*huwa ghandu jibbenefika mill-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghata cans idawwar ir-rotta ta' hajtu u dan billi jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation u kif ukoll jinghata Ordni ta' Trattament. Naturalment l-imputat irid ukoll jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata bl-agir tieghu."*

Il-Qorti fic-cirkostanzi paritkolari ta' dan il-kaz taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Probation Officer u temmen li minkejja li l-piena karcerarja ghar-reati li taghhom l-imputat sejjer jinstab hati jaqbzu s-seba' snin prigunerija, xorta l-istess cirkostanzi jimmillitaw favur li jkun hemm ordni ta' probation u servizz fil-komunita. Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzoi ta' dan il-kaz m'huwa sejjer jkun hemm l-ebda beneficcju jekk tinghata sentenza effettiva ta' prigunerija. Anzi kif qal il-Probation Officer fil-kaz partikolari sentenza ta' prigunerija tista' tikkawza *"disturb psikologiku"*. Il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) Il-fedina tal-imputat hija wahda netta u qabel il-kazijiet tal-lum qatt ma kien xellef difrejh mal-gustizzja. Ma jidhrix wkoll li kelli xi kaz iehor fil-Qorti fiz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri;

(2) Ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew problemi ohra;

(3) Qieghed f'impjieg stabbli u ilu aktar minn hames (5) xhur jahdem f'supermarket fil-Gzira. In oltre fi kliem il-probation officer l-imputat ghaddej b'andament pozittiv li jista' jitharbat b'sentenza ta' prigunerija effettiva. Dan apparti l-fatt li tali sentenza zgur li sejra twassal wkoll biex huwa jitlef l-impjieg tieghu bil-konsegwenza li huwa jispicca f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista' jirrizarcixxi l-valur tal-affarijiet misruqa lill-vittmi tar-reat;

(4) Il-kaz ikkawzalu ansjeta u minn jeddu l-imputat attenda ghall-sessjonijiet ma' counsellor tal-fiducja tieghu. Dan ghenu jifhem is-sitwazzjoni tal-proceduri kriminali tieghu fil-konfront tieghu u jikkalma. Il-probabilita hija li dan kollu jisfuma fix-xejn jekk kellu jkun hemm sentenza ta' prigunerija effettiva;

(5) Aktar milli deterrent, il-piena ghandu tkun mezz riformattiv biex wiehed jaghraf l-izbalji tieghu u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu. Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami japplika r-ragunament li adottat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen</u>**

**<u>Spiteri</u>** moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2003 fejn hija ikkummentat li:

> *"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

- **<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali tal-hdax (11) ta' Awwissu 2017 senjatament l-artikoli 17, 31, 214, 215, 218, 221, 261(a),(c),(e),(f), 261(1)(a), 267, 269(g), 270, 274(a),(b),(c), 275, 277(a), 279(a) u 280(2) u 533 qieghda issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. B'riferenza ghat-tieni (2) imputazzjoni il-Qorti qieghda issib lill-imputat mhux hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elena Kuzmina izda hati li ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-istess Elena Kuzmina.

B'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qieghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation u servizz a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 (liema artikolu jaghmel riferenza diretta ghall-artikoli 7 u 11 tal-istess Kap. 446) ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Sufin Abdulsalam Ali Atomi taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ta' mitejn (200) siegha f'dak il-

post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Finalment, il-Qorti qieghda tordna lill-hati sabiex ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ihallas is-somma ta' tlett mija u tmenin ewro (€ 380.90)[7] lill-parte civile Noemi Steinmyller u l-ammont ta' mija u disgha u ghoxrin ewro (€ 129)[8] lill-parte civile Elena Kuzmina.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas l-ammont totali ta' €535.55 rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti ma tarax il-htiega li jinhareg ordni ta' protezzjoni that l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-ahwa Steinmyller stante li dawn m'ghadhomx jirrisjedu Malta.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u ta' Servizz tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi

---

[7] Dan huwa l-valur tal-mobile li irrizulta mill-atti, liema valur kien ta' € 290.90 flimkien mal-valur ta' € 90 li gew misruqa, li flimkien jammontaw ghak € 380.90.

[8] Dan huwa l-valur tal-katina misruqa ammontanti ghal € 94 (l-ekwivalenti ta' 7000 Russian Rubles) flimkien mal-€ 35 li insterqu.

notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skont id-direttivi tal-istess ordnijiet.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**